# KUNSILL LOKALI MTARFA

## IS-SITT LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 56 – IT-TNEJN 3 TA' OTTUBRU 2016

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fis-7:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Daniel John Attard | Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud | Kunsillier |
| | Helen Bugeja | Kunsillier (waslet fit-8:00pm) |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |
| | Antoine Vella | Viċi Sindku |
| Assenti : | Jaime Marie Galea | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

Ma kienx hemm persuni jattendu.

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI NRU. 55**

1.1 Il-Kunsill approva l-minuti tal-Laqgħa Nru. 55 mingħajr emendi u ġew iffirmati mis-Sindku u s-SE.

**2. PUNTI MILL-MINUTI 55**

2.1 Is-SE infurmat li wara numru ta' laqgħat, mil-lum it-Tnejn 3 ta' Ottubru, kien qed jiġi mibgħut gwardjan lokali madwar il-lokalità sabiex possibbilment tinqabad xi persuna li qed titfa' l-iskart b'mod illegali. Hija infurmat li l-ikbar possibbiltà li tinqabad persuna hija nhar ta' Tlieta u Ġimgħa minħabba li għad fadal residenti li xorta waħda baqgħu joħorġu l-borża s-sewda għalkemm ġew infurmati diversi drabi li din m'għadhiex tinġabar f'dawn il-ġranet.

2.2 Fir-rigward ta' para. 2.7, hija infurmat li kienet ġabet numru ta' kwotazzjonijiet. Is-Sindku kellu kwotazzjoni oħra wkoll għal *CCTV cameras* bl-SD card. Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill jagħżel li jikri 4 cameras mingħand il-kumpanija AnyView. Dawn għandhom jitpoġġew fi Triq it-Torri tal-Arloġġ (waħda għal fuq kull naħa għad-*drop off points* ta' Binja Buqana; waħda fit-telgħa ta' Triq Theuma Castelletti u oħra fi Triq San David faċċata ta' Binja Ġebel Dwejra. Is-SE se tieħu ħsieb tagħmel l-arranġamenti neċessarji u tordna wkoll is-sinjali ta' avviz li hemm *CCTV cameras*.

2.3 Is-SE infurmat li fir-rigward tal-periklu minn nar fil-bosk, kien ġie jara l-post wieħed mill-membri tas-CPD fejn dan ikkonferma li kemm-il darba jkun hemm xi nar, anke fil-parti t'isfel tal-bosk, huma xorta għandhom possibbiltà li jlaħħqu sa ġewwa nett. Hawnhekk waslet il-Kunsilliera Bugeja. Il-ħin kien it-8:00pm.

2.4 Hija infurmat li fir-rigward tal-ittra li l-Kunsill kien irċieva min-naħa tal-Awtorità tad-Djar, l-avukat tal-Kunsill kien għadda numru ta' rapporti li saru minn periti diversi fejn ġie kkonfermat li kien hemm ħsara kemm minħabba l-asfalt li sar kif ukoll minħabba li l-istruttura kienet ħażina. Hija infurmat ukoll li hi u s-Sindku kienu attendew għal laqgħa fil-Ministeru kkonċernat u dawn kienu wegħduhom li se jibgħatu perit indipendenti minnhom biex jevalwa l-ħsara. Il-Kunsill qabel li l-Kunsill mhux responsabbli għal dawn ix-xogħlijiet u li m'għandux flus biex jagħmel tajjeb għal dawn il-ħsarat. Kien hemm qbil izda li l-Kunsill għandu jistenna lura mingħand l-Awtorità.

2.5 Is-SE fakkret lill-Kunsilliera sabiex jattendu għall-attività ta' Military Mtarfa. Fakkret ukoll li eżattament wara l-attività l-Kunsilliera kienu mistiedna għal kxif ta' monument ġewwa l-Isla. Sadanittant infurmat li kienet irċeviet kwotazzjoni għal tifkira (*memorial*) li kienet se titpoġġa fil-bosk bħala parti mill-proġett tal-LUNF. Il-Kunsill approva d-disinn u l-kwotazzjoni li ġiet sottomessa.

2.6 Is-SE infurmat li fir-rigward tal-iskart, kienet irċeviet kommunikazzjoni min-naħa ta' 4 residenti li joqgħodu fi blokka f'Binja Msieraħ fejn dawn qed joġġezzjonaw għal fejn ġew rikolati l-boroż. Kien hemm qbil li naghmlu d-*drop off point* fi Triq Theuma Castelletti fejn se ssir waħda mis-*CCTV cameras*. Is-SE għandha tibgħat kommunikazzjoni lir-residenti tal-blokki biex tinfurmahom b'din id-deċizjoni.

## 3. KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1 Għall-mistoqsija tas-Sindku dwar jekk bdietx il-proċedura għad-devoluzzjoni tal-bandli, is-SE skuzat ruħha u infurmat li ma kellhiex ċans.

3.2 Is-Sindku informa li fix-xhur li ġejjin, kien qed jippjana li ssir ħarġa għar-Redentur tal-Isla nhar is-17 ta' Ottubru u ħarġa għall-monti nhar it-Tlieta 22 ta' Novembru.

## 4. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

4.1 Il-listi tal-pagamenti, kopja tagħhom mehmuża, ġiet approvata u ffirmata mis-Sindku u mis-SE. Dawn gew issekondati u ffirmati mill-Viċi Sindku u mill-Kunsillier Bugeja.

## 5. MDINA GRAND PRIX 2016

5.1 Is-SE infurmat li l-Viċi Sindku kien attenda għal laqgħa mal-koordinatur tal-attività u kien hemm qbil li l-koordinament tat-traffiku għandu jkun 'il fuq lejn l-Imtarfa minn Triq il-Kavallier Vincenzo Bonello u 'l barra min-naħa tan-Nigret.

5.2 Il-Viċi Sindku qara numru ta' kundizzjonijiet li kien bagħat lill-organizzatur tal-attività biex jassigura li l-aċċess għall-Imtarfa jkun l-aħjar possibbli. Kien hemm qbil unanimu fuq kull punt li ssemma'. Kopja tal-kommunikazzjoni qegħda hawn mehmuza.

5.3 Il-Kunsill qabel li tinħareġ in-*no objection* għall-attività sakemm jiġu osservati dawn il-kundizzjonijiet. Kien hemm qbil ukoll li jintalab sponsorship għal-lokalità fid-dawl tal-iskariġġ kbir li jkun hemm u li jintalab jagħmel garanzija ta' €2000 fl-eventwalità li ma jiġux osservati l-kundizzjonijiet.

## 6. ĊIRKULARI NRU. 16/2016 – ĦATRA TA' DEPUTAT SEGRETARJU EŻEKUTTIV

6.1 Is-SE fakkret fiċ-ċirkulari li kienet preżentat fil-laqgħa preċedenti fejn id-DLG kien qed jitlob lill-Kunsill biex jaħtar Deputat SE biex fl-eventwalità li jkun hemm assenza mis-SE tal-Kunsill, ikun hemm *replacement* bla dewmien. Hija ssuġġeriet li tiġi nnominata s-Sinjura Romina Perici, li hija wkoll l-*accountant* tal-Kunsill fuq perjodu definittiv. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 7. APPROVAZZJONI TAR-RISPOSTA GĦALL-*MANAGEMENT LETTER* TAL-AWDITURI

7.1 Is-SE preżentat kopja tar-risposta lill-awdituri.

7.2 Il-Kunsill approva li din ir-risposta għandha tintbagħat.

## 8. ESTENSJONI TAL-KWOTAZZJONI PUBBLIKA TAL-ASSIGURAZZJONI TAL-KUNSILL

8.1 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jiġi estiż il-ftehim tal-assigurazzjoni tal-Kunsill għat-tielet sena.

8.2 Kien hemm qbil ukoll li tiġi estiża wkoll l-assigurazzjoni fuq is-safar għall-membri tal-Kunsill fuq żjarat uffiċjali.

## 9. TIŻJIN TAL-MILIED

9.1 Is-SE staqsiet jekk għandhiex toħroġ il-kwotazzjoni pubblika għat-tiżjin tal-Milied fuq l-istess linji tas-soltu.

9.2 Il-Kunsill qabel li tinħareġ bħal tas-sena li għaddiet, għal massimu ta' €3000.

## 10. PUNTI OHRA

10.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kommunikazzjoni mingħand resident li ġratlu ħsara minn siġra tal-ewkaliptus fi Trejqet il-Ġilju. Huwa kien qed jitlob lill-Kunsill sabiex jagħmel tajjeb għall-ħsara li kkaġunatlu. Kien hemm qbil li s-SE għandha tivverifika jekk dan ix-xogħol jistax jiġi kopert bl-assigurazzjoni tal-Kunsill. Jekk le, għandha tibgħat stima tal-ispiza.

10.2 Is-SE infuramt li kienet irċeviet lura l-pjanti min-naħa tal-perit William Lewis bil-proposti tiegħu kif jista' jiżdied il-parkeġġ. Fir-rigward taż-żona ta' Triq Gregorio Carafa, huwa informa li dan seta' jiżdied bi ftit fil-parti ma' Triq il-Faqqiegħ iżda matul il-kumplament tat-triq kien impossibbli li jsib alternattiva. Kien hemm qbil li s-SE għandha titlob lill-Perit sabiex jibgħat il-kumplament tal-pjanti bil-proposti sabiex tittieħed deċizjoni dwar il-priorità tax-xogħol.

10.3 Fir-rigward tal-pjanta bil-proposti ta' parkeġġ għal Wesgħat Ħażnet l-Ilma, din kienet se tnaqqas ħafna mill-parkeġġ li hemm fil-preżent. Għaldaqstant is-SE ssuġġerit xi alterazzjonijiet li jistgħu jsiru fuq il-bankini u *planter* biex il-parkeġġ jiżdied aktar milli hu fil-preżent. Il-Kunsill qabel mal-proposti u kien hemm qbil li l-kuntrattur għandu jintalab jagħmel ix-xogħlijiet.

10.4 Is-SE infurmat li kienet attendiet għal laqgħa mal-Perit Daniel Micallef dwar il-proġett tal-parkeġġ ta' Pjazza Palma. Hija infurmat li għalkemm fuq prinċipju ma kienx hemm oġġezzjoni minn TM, il-Perit kien ġie mitlub jassigura li hemm *turning circle* adegwat u kien hemm xi parkeġġi li ġie mitlub biex jibdel. Is-SE ġiet mitluba tinforma lill-Perit li l-Kunsill jixtieq ikollu l-proposta f'idu għal-laqgħa li jmiss.

10.5 Is-SE prezentat u qrat kopja tal-ftehim mibgħut minn GreenMT. Il-Kunsill qabel mal-kontenut u dan ġie ffirmat mis-Sindku u mis-SE.

10.6 Il-Kunsillier Mifsud informa li l-offerta għad-dawl min-naħa tar-reġjun kienet se tiġi ppubblikata fi ftit ġranet oħra. Huwa informa li hemm ammont ta' €750 biex jitħallsu mill-Kunsill individwali sabiex jassiguraw li kull arblu tad-dawl ikollu numru u dan jiddaħħal fuq sistema kompjuterizzata li se tiġi installata fl-uffiċċju tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li dawn għandhom jitħallsu. Il-Kunsillier Mifsud informa li dan il-kuntratt, kemm-il darba jmur kollox sew, għandu jibda jopera mill-bidu tas-sena l-ġdida. Huwa informa li fost oħrajn, dan kien jagħti dritta lill-Kunsill biex ir-rapport għal bozza maqtugħa tissewwa fi zmien 48 siegħa. Għall-mistoqsija dwar xi xogħlijiet li għadhom ma sarux min-naħa tal-electrician tal-Kunsill, is-SE infurmat li l-iskrivani kienu qed jippruvaw jagħmlu kuntatt miegħu b'mod regolari imma ħafna drabi mhux qed jirrispondihom. Is-SE ġiet mitluba biex twaqqaf is-servizz mas-Sur Micallef u tibda tgħaddi l-ilmenti lil kuntrattur ieħor temporanjament sakemm tintrebaħ l-offerta tar-reġjun.

## 11. AĠĠORNAMENT

11.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata fid-9:15pm. Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar it-Tnejn 17 ta' Ottubru 2016 fl-4:30pm.

| | |
|---|---|
| **Josette Micallef** | **Daniel John Attard** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |